# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum 7 ta' Dicembru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru: 58/2016**

**Central Mediterranean Development Corporation Limited Numru ta' Registrazzjoni C453**

**vs**

**Tiziana Mangion, karta ta' identita numru 302082**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tat-22 ta' Jannar, 2016, fejn gie sottomess illi:

*"1. Illi b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Mario Bugeja datat 4 ta' Settembru 2000 – Dok. M1 –il-intimata akkwistat minn terzi appartament bin-numru wiehed (1) fi blokk appartamenti numru 26 "Aphrodite", Triq il-Hajja Ewlenija, Birzebbugia, soggetta ghal cens annwu u perpetwu ta' tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmi (€23.29) pagabbli lis-socjeta rikorrenti.*

*2. Illi l-intimata ilha moruza fil-hlas tal-canone mit-13 ta' Jannar 2012 u cioe ghal erbgha skadenzi i ghal ammont komplessiv ta' tlieta u disghin euro u sbatax il-centezmu (€93.17).*

*3. Illi ai termini tal-Artikolu 1517 tal-Kodici Civili, jista' jintalab hall tal-enfitewsi jekk ikun dovut cents f'somma daqs kemm igibu cens ta' tlett snin;*

*4. Illi ai termini tal-Artikolu 1519 tal-Kodici Civili, tista' tintalab kemm il-hall tal-enfitewsi u kemm il-hlas tac-cnus maghluqa;*

5. *Illi ghalkemm interpellata diversi drabi ghal hlas ta' dan ic-canone, bl-ahhar ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 2015, il-intimata baqghet inadempjenti.*

*Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li l-intimata hija moruza fil-pagament tal-canone, u dan ghal erbgha skadenzi u cioe mit-13 ta' Jannar 2012 sat-12 ta' Jannar 2016;*

2. *Tiddikjara xolta l-koncessjoni sub-enfitewtika ai termini tal-Artikolu 1517 tal-Kodici Civili;*

3. *Tordna li l-appartament numru 1, fi blokk ta' appartamenti numru 26 "Aphrodite", Triq il-hajja Ewlenija, Birzebbugia, jirreverti lura f'idejn is-socjeta rikorrenti u ghal dan il-iskop tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex l-intimata tizgombra mill-imsemmi appartament.;*

4. *Tordna l-likwidazzjoni u hlas tal-canone dovut mill-intimata ghal ammont komplessiv ta' tlieta u disghin euro u sbatax il-centezmu (€93.17).*

*Bl'ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 2015".*

Rat illi fis-6 ta' Gunju, 2016 l-intimata giet notifikata bil-procedura tal-affissjoni;

Rat illi fit-22 ta' Gunju, 2016 giet prezentata nota b'estratt minn gazzetta lokali;

Rat illi l-intimata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2016 giet prezentata nota b'ittra ufficjali numru 83/15 mertu tal-kaz;

Rat ukoll illi li ghas-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2016 dehru biss dehru biss l-avukati difensuri tar-rikorrenti u r-rapprezentanta tar-rikorrenti Sharon Cremona;

Semghet ix-xhieda ta' Sharon Cremona fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2016 fejn gie konfermat illi mill-prezentata tar-rikors guramentat sa dakinhar ma saru l-ebda pagamenti u li dak kollu mnizzel fir-rikors ghadu dovut;

Ezaminat l-atti kollha tar-rikors gurament;

Verament it-talbiet kif dedotti in vista tal-kontumacja tal-konvenuta ma gewx kontradetti – pero kif inhu ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna l-kontumacja ma tammontax ghal ammissjoni.

Tqis il-Qorti li barra li ghandha l-fakulta diskrezzjonarja ai termini tal-artikolu 1519(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hija wkoll tenuta li tezamina l-atti biex tara jekk it-talba tirrizultax. Rat ghalhekk li ma tistax tistabilixxi ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta attrici Central Mediterranean Development Corporation Limited u l-konvenuta, lanqas ma jirrizulta xi ness mill-kuntratt ta' kompravendita esebit tenut kont tal-provenjenza fl-istess[i].

Ghaldaqstamt tichad it-talbiet kif dedotti.

Moqrija

Miriam Hayman
Imhallef

[i] Fol. 15